**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT NATASHA GALEA SCIBERRAS B.A., LL.D.**

**Kawza Nru: 437/2012**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Frank Tabone)**
**Spettur Johann J. Fenech)**

**vs**

**Franco Camilleri**
**(ID 3377(G))**

**Illum, 26 ta' Settembru 2018**

Il-Qorti,

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat Franco Camilleri ta' 35 sena, imwieled ir-Rabat, Ghawdex fl-14 ta' Dicembru 1976, iben Emanuel u Melita nee` Xuereb, residenti gewwa Nru. 74, 'Sacred Heart', Triq il-Wardija, Qala, Ghawdex u detentur tal-karta tal-identita` numru 3377(G);

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer fil-lejl ta' bejn il-21 u t-22 ta' Dicembru 2011:

1) Forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga kokaina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta'

persuna jew persuni minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tas-sitt Taqsima tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenza jew kien xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenza li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regolamenti tal-1939 ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanzi dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

U aktar talli fix-xahar ta' Dicembru 2011 u s-sitt xhur ta' qabel din id-data f'dawn il-Gzejjer:

3) Kellu fil-pussess tieghu d-droga kokaina specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skont id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenza jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skont ir-ricetta kif

provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli tal-1939 dwar il-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (GN 292/1939), kif sussegwentement emendati u bi ksur tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex fil-kaz ta' htija, barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda, rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti esebiti, inkluz l-Ordni tal-Avukat Generali bis-sahha tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101), sabiex din il-kawza tinstema' minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

Rat illi fis-seduta tal-20 ta' Ottubru 2014, il-partijiet iddikjaraw li kienu qed jezentaw lill-Qorti kif preseduta, milli terga' tisma' l-provi mismugha sa dakinhar quddiem il-Qorti kif diversament preseduta, b'dan illi d-difiza talbet illi l-imputat jerga' jixhed mill-gdid quddiem il-Qorti kif preseduta, kif fil-fatt ghamel fis-seduta sussegwenti;

Semghet lill-Prosekuzzjoni tirrimetti ruhha ghall-provi prodotti u t-trattazzjoni finali tad-difiza.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-fatti li taw lok ghal dan il-kaz kienu s-segwenti: Nhar il-21 ta' Dicembru 2011, ghall-habta tal-10.30 p.m., l-Ispettur Frank Anthony Tabone kien qieghed ic-Cirkewwa, jistenna sabiex jaqbad il-vapur ta' nofs il-lejl lejn Ghawdex, meta fil-waqt illi kien qieghed fit-*terminal* tal-vapur, innota zewgt irgiel fin-naha ta' barra tat-*terminal* li kienu qed jagixxu b'mod suspettuz. Fil-waqt illi gharaf wiehed minnhom bhala certu Jethro Camilleri[1], sussegwentement irrizulta illi l-iehor kien l-imputat odjern. L-istess Spettur baqa' josservahom u nforma lill-pulizija tal-Ghassa tar-Rabat sabiex jibaghtu l-pulizija gewwa l-Imgarr, Ghawdex u hekk kif dawn iz-zewgt irgiel jaslu Ghawdex bil-vapur, issir tfittxija fuq il-persuni taghhom. Il-pulizija prezenti ghal din it-tfittxija kienu PS 715 Lucian Gatt, PC 138 Joseph Portelli, PC 53 Stefan Spiteri u PC 1384 Felix Sammut.[2] Hekk kif iz-zewgt irgiel waslu l-Imgarr, fil-fatt saret tfittxija fuq il-persuna taghhom minn PC 138 u PC

[1] L-Ispettur Tabone spjega in kontro-ezami (a fol. 11 tal-process) illi huwa gharaf lil Jethro Camilleri ghaliex kellu kazijiet ohrajn mieghu u mhux l-ewwel darba li kien arrestat fuq droga u kazijiet relatati ma' serq.
[2] Ara x-xhieda tal-Ispettur Frank Anthony Tabone, a fol. 8 sa 12 tal-process.

1384 u fil-waqt illi ma nstab xejn illegali fuq il-persuna ta' Jethro Camilleri, fil-but ta' quddiem tal-imputat odjern, instabet borza li kien fiha sustanza bajda suspettata kokaina. Waqt tfittxija da parti ta' PS 715 u PC 138 fil-vettura tal-imputat, li kienet ipparkjata fit-*terminal*, l-Imgarr, instabu sikkina mahruqa, *case* ta' CD li fuqha kellha tracci ta' trab abjad, *test tube* zghir u pakkett siringi godda. Iz-zewg persuni msemmija gew arrestati, ttiehdu gewwa l-Ghassa tal-Pulizija tar-Rabat, Ghawdex u s-sustanza misjuba, flimkien mal-oggetti li nstabu fil-vettura, gew mghoddija lill-Ispettur Frank Tabone minn PS 715 Lucian Gatt, fil-presenza tal-imputat.[3]

Skont ir-relazzjoni tal-espert, ix-Xjenzat Godwin Sammut, huwa nghata dokument wiehed ghall-analizi tieghu, liema dokument kien jikkonsisti f'*envelope* kannella li kien fih:

(1) borza tal-plastik trasparenti mmarkata li fiha karta bil-kliem Data 22-12-2011 Hin 1:00am Elevat/i minn gol-but ta' Franco Camilleri fil-prezenza ta' Franco Camilleri minn PC138, PC1384 u ii) *Cling film* li fiha *tissue* li kien fiha 12-il qartas tal-plastik trasparenti li kien fihom trab ta' lewn abjad;

(2) borza tal-plastik trasparenti mmarkata li fiha i) karti bil-kliem Data 22-12-2011 Hin 1.10am Elevat/i minn gol-vettura ta' Franco Camilleri KBE 832 fil-prezenza ta' Franco Camilleri minn PS715, PC138 ii) pakkett tal-plastik bil-kliem *Insumed* li huwa maghluq u li fih 10 siringi iii) flixkun tal-hgieg b'tapp ta' lewn ahmar vojt iv) kaxxa ta' CD vojt v) sikkina b'manku ta' lewn kannella.

Illi l-istess espert ikkonkluda s-segwenti:

a) Illi fuq estratti mehuda mit-trab ta' lewn abjad fid-dokument fuq imsemmi nstabet is-sustanza kokaina. Il-piz total ta' trab kien ta' 4.69 grammi u l-purita` kienet ta' cirka 32%. Din is-sustanza hija kkontrollata bil-ligi taht l-Ewwel Skeda, Taqsima I tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) Illi fuq *swab* mehuda minn fuq is-sikkina fl-istess dokument, ma nstabitx droga.[4]

---

[3] Ara x-xhieda ta' PS 715 Lucian Gatt, a fol. 22 sa 24 tal-process; ix-xhieda ta' PC 138 Joseph Portelli, a fol. 28 sa 30 tal-process; ix-xhieda ta' PC 1384 Felix Sammut, a fol. 31 u 32 tal-process u x-xhieda ta' PC 53 Stefan Spiteri, a fol. 33 u 34 tal-process.

[4] Din ir-relazzjoni tinsab esebita a fol. 44 sa 64 tal-process.

L-imputat irrilaxxja tliet stqarrijiet – wahda fit-22 ta' Dicembru 2011, wara li ghazel li jikkonsulta ma' avukat[5], ohra fit-23 ta' Dicembru 2011 wara li rrifjuta li jottjeni parir legali[6] u ohra fit-2 ta' April 2012, wara li l-imputat mar huwa stess ifittex lill-Ispettur Tabone, talbu sabiex izid mal-istqarrijiet li kien irrilaxxja qabel u ottjena parir legali wara li rega' nghata dan id-dritt[7]. Huwa ghazel li jixhed ukoll f'dawn il-proceduri, kemm quddiem il-Qorti kif diversament preseduta[8], kif ukoll fuq talba tieghu, quddiem il-Qorti kif preseduta.[9]

L-Ispettur Tabone ottjena wkoll stqarrija minghand Jethro Camilleri, li xehed f'dawn il-proceduri.[10]

**Ikkunsidrat ukoll:**

Illi mill-provi mressqa, m'hemmx dubju illi fil-lejl in kwistjoni, l-imputat instab fil-pussess ta' trab abjad fuq il-persuna tieghu, liema trab irrizulta illi kien fih id-droga kokaina u li kellu piz ta' 4.69 grammi.

Kif inghad izjed 'il fuq, l-imputat irrilaxxja tliet stqarrijiet lill-pulizija u xehed darbtejn f'dawn il-proceduri. L-ewwel verzjoni tieghu fiz-zewg stqarrijiet inizzjali kienet fis-sens illi huwa mar ghal Jethro Camilleri gewwa Marsalforn u dan talbu sabiex jiehdu Malta bil-vettura tieghu ghaliex ried igib xi affarijiet minn Malta. Fit-tieni stqarrija tieghu, madankollu, huwa jghid illi ma kienx minnu li Jethro kien qallu dan, izda sempliciment qallu li ried imur Malta. Waqt li kienu fuq il-vapur, Jethro ghamel zewg telefonati minn fuq il-*mobile* tieghu (tal-imputat), izda huwa ma jafx x'intqal ghax dan tbieghed minnu. Jghid illi huwa ssuspetta li Jethro kien sejjer Malta ghall-kokaina, u fil-fatt ikkonfermalu li ried imur ghall-kokaina izjed tard ghalkemm ma jiftakarx x'hin ezatt. Jghid illi Jethro qallu illi l-pakkett kien fih erba' grammi kokaina. X'hin waslu c-Cirkewwa ghall-habta tad-9.30 p.m., nizlu mill-vapur u marru hdejn tal-Arriva ghaliex Jethro kellu jigbor xi affarijiet minn hemm. Kien hemm bicca ghalqa u Jethro gabar pakkett minn hemmhekk, liema pakkett wara ftit, Jethro ghaddih lilu u zammu hu ossia l-imputat. Skont hu, dan ghaliex Jethro kien qieghed barra wara l-hin (skont il-kundizzjonijiet tal-helsien mill-arrest) u hu ma riedx li Jethro jidhol fl-inkwiet. Ghalkemm marru lura sabiex jaqbdu l-istess vapur li kienu gew bih Malta, dan lahaq telaq u ghalhekk stennew il-vapur ta' wara. X'hin nizlu mill-vapur, gewwa Ghawdex, ghall-habta tan-nofs

[5] Din tinsab esebita a fol. 13 sa 16 tal-process.
[6] Din tinsab esebita a fol. 18 u 19 tal-process.
[7] A fol. 20 u 21 tal-process.
[8] A fol. 87 sa 110 tal-process.
[9] A fol. 114 sa 132 tal-process.
[10] A fol. 67 sa 84 tal-process.

siegha ta' filghodu, huma gew imwaqqfa mill-pulizija. Skont l-imputat, din il-kokaina kienet ghall-uzu ta' Jethro u hu la talab lil Jethro ghad-droga u lanqas Jethro ma qallu xejn dwarha. Fit-tieni stqarrija, madankollu, jghid illi huwa ma kienx jaf x'ser jaghmel Jethro b'din il-kokaina. Jghid ukoll illi huwa ghamel uzu mid-droga kokaina l-ewwel darba xi snin qabel u kien ha l-ahhar xi hmistax qabel. Kien jaghmel uzu mill-kokaina f'okkazzjonijiet specjali, madwar darbtejn f'sena. Dwar is-siringi misjuba fil-vettura tieghu, l-imputat jghid illi dawn kienu ta' Jethro u kien hallihom fil-vettura. Madankollu, fit-tieni stqarrija jghid illi dan ma kienx minnu u li dawn kien xtrahom hu sabiex jiehu xi *steroids* u ma kinux intizi ghad-droga. Dwar ic-CD misjub fil-vettura, jghid illi kien hemm okkazzjoni li fiha huwa uza s-CD sabiex jiehu l-kokaina. Dwar il-persuni li ftiehem maghhom Jethro sabiex xtara d-droga, huwa jghid illi huwa qatt ma kien rahom lil dawn in-nies, ghalkemm jaf li huma Maltin u li kien hemm ukoll Ingliz, jismu Matt, li kien imsiefer u li huwa gieli rah. Jghid illi Jethro ma qallu xejn dwar il-prezz tad-droga u ma jafx kemm kien hallas ghaliha.

Fit-tielet stqarrija tieghu, rilaxxjata minnu ftit izjed minn tliet xhur wara l-arrest tieghu, madankollu, l-imputat ibiddel il-verzjoni tieghu kompletament. Din id-darba huwa jghid illi fil-verita`, huwa wkoll kien ser imissu mill-kokaina li nstabet fuqu u li din kienet ser tinqasam bejnu u bejn Jethro. Kienu ftehmu flimkien li jmorru c-Cirkewwa, ghalkemm ma kienx jaf minn fejn kienu ser igibu l-kokaina. Jethro gab il-kokaina minn hdejn bicca ghalqa fic-Cirkewwa u hu ma ra lil hadd jghaddi d-droga lil Jethro.

Fil-fehma tal-Qorti, mill-ewwel zewg stqarrijiet, huwa evidenti illi l-imputat kien qed jipprova jiskolpa ruhu kompletament mill-involviment tieghu fl-akkwist tal-kokaina li nstabet fil-pussess tieghu. La huwa verosimili u lanqas kredibbli illi Jethro ma qalx lill-imputat ghalfejn ried imur Malta, izda minkejja dan, huwa ghadda ghalih bil-vettura tieghu u mar mieghu u mbaghad skont hu, anke zamm id-droga u ha riskju, meta din kienet skont hu, kollha ta' Jethro u dan partikolarment fid-dawl tal-fatt, illi huwa jammetti illi kien f'okkazzjonijiet jaghmel uzu mid-droga kokaina. Sahansitra ghall-ewwel anke addebita lil Jethro bis-siringi misjuba fil-vettura tieghu. Mhux biss izda fit-tielet stqarrija, li fic-cirkostanti - la darba hu u Jethro nizlu Malta flimkien u d-droga nstabet fil-pussess tieghu – hija izjed verosimili mill-verzjoni moghtija fl-ewwel zewg stqarrijiet, l-imputat xorta wahda jipprova jimmitiga l-involviment tieghu fl-akkwist ta' din il-kokaina u jattribwixxi lil Jethro bl-arrangamenti li saru ghal tali akkwist. Fil-fatt anke fix-xhieda moghtija minnu f'dawn il-proceduri, l-imputat huwa reticenti ferm meta mistoqsi dwar l-arrangamenti li saru biex tigi miksuba d-droga u jbiddel il-verzjoni dwar

dan diversi drabi – fil-fehma tal-Qorti dan dejjem sabiex jipprova kemm jista' jkun jimmitiga l-involviment tieghu f'din il-vicenda kollha.

Fix-xhieda tieghu tal-4 ta' Frar 2014, l-imputat jghid illi stante li kienu gejjin il-festi tal-Milied, ftit tal-jiem qabel, hu u Jethro kienu ddecidew li jakkwistaw id-droga. Jghid illi l-kuntatt sabiex tigi akkwistata d-droga kien ghamlu Jethro u li d-droga kellhom ihallsu ghaliha wara direttament lill-fornitur stante illi l-istess fornitur kien imsiefer. Jispjega illi l-istess fornitur, li kien barrani, kien qabbad lill-persuna Maltija sabiex jipprovdilhom il-kokaina u li dan tal-ahhar, li huma qatt ma rawh, hallilhom id-droga f'ghalqa fic-Cirkewwa. Jghid illi d-droga kienet fil-pussess tieghu stante illi kien sabha hu, li kellu nofsha u in oltre Jethro kien diga` involut f'kazijiet ohra mal-pulizija. Wara kien ser jaqsam id-droga bejnu u bejn Jethro ghaliex huma riedu madwar zewg grammi kull wiehed. Jghid ukoll illi lill-Malti li kellu jhallilhom d-droga c-Cirkewwa kellmu hu fuq it-telefon biex jara ezatti fejn kienet ser tkun qeghda d-droga. Wara jghid illi hu u Jethro cemplu flimkien, li spjegalhom flimkien u kellmuh it-tnejn. Jinsisti illi "*d-deal*" sabiex tigi akkwistata d-droga ghamilha Jethro. Lill-Malti cempillu l-ewwel Jethro, izda peress illi Jethro ma fehemx fejn kien ser ikun il-pakkett bid-droga, imbaghad cempillu hu wkoll, dejjem mill-*mobile* tieghu. In-numru tal-Malti kien baghtu l-barrani lil Jethro minn qabel, izda meta gie pressat mill-Prosekuzzjoni dwar dan, huwa jghid illi n-numru tal-Malti kien ircevih hu fuq il-*mobile* tieghu. L-imputat jibqa' jinsisti li kienu ddecidew flimkien li jakkwistaw l-kokaina. Jghid illi l-barrani kien hallilhom in-numru tieghu meta ltaqa' mieghu u ghalhekk setghu jikkuntatjawh ghad-droga. Mix-xhieda tieghu huwa tassew evidenti illi l-imputat jibqa' jevita d-domanda tal-Qorti dwar min kien fl-ewwel lok ghamel kuntatt mal-barrani sabiex huma jakkwistaw id-droga u jibqa' jinsisti li ghamlu kuntatt it-tnejn flimkien u wara, li kien Jethro li ghamel dan il-kuntatt mal-fornitur. Jghid ukoll illi din kienet l-ewwel darba li ghamel dan ossia li ftiehem ma' din il-persuna sabiex ihallilu d-droga f'hajt f'ghalqa hdejn tal-Arriva biex hu jigborha minn hemm u li din kienet ukoll l-ewwel darba li marru ghad-droga flimkien jew li huwa mar igib id-droga wahdu b'dan il-mod. Jghid illi l-ghalqa kienet wahda zghira u li l-hajt kien zghir u sab id-droga li thallitilhom.

Fix-xhieda tieghu tat-13 ta' Frar 2015, imbaghad, l-imputat jerga' jikkonferma x-xhieda precedenti tieghu u jghid illi d-droga kienet intiza ghalih u ghal siehbu, sabiex juzawha flimkien fil-festi tal-Milied. Il-Qorti tinnota illi l-imputat jerga' jibdel il-verzjoni tieghu dwar il-kuntatt mal-fornitur u l-involviment tieghu sabiex saru l-arrangamenti ghall-akkwist tad-droga billi jghid illi dakinhar Jethro nesa l-*mobile* warajh u kkonferma li Jethro kien jaf in-numru tal-fornitur bl-amment u uza l-*mobile* tieghu biex jaghmel kuntatt. Jibqa' jichad illi lill-Malti kien jafu jew li hu

jew Jethro kienu qatt rawh u jibqa' jinsisti illi l-involviment tieghu kien limitat biss ghall-fatt illi huwa kellu sehem mid-droga li gabru mic-Cirkewwa.

Da parti tieghu, Jethro Camilleri jixhed illi hu u l-imputat kienu nizlu Malta sabiex igibu l-kokaina. Huma kien minghalijhom li kien ser ikun hemm hames grammi u kienu ser ihallsu wara. Jghid illi d-droga nstabet fil-pussess tal-imputat, izda hu ma kienx jaf ghalfejn zammha l-imputat. Wara jghid illi zammha l-imputat ghaliex hu diga` kien fl-inkwiet. Jghid illi flimkien ftehmu sabiex igibu d-droga minn Malta ghaliex kienu gejjin il-Milied u l-Ewwel tas-Sena. Huwa kellu vettura izda ma kinitx tahdem u ghalhekk nizlu bil-vettura tal-imputat. Kemm hu kif ukoll l-imputat kienu jafu li setghu jinqdew minghand dan il-barrani ghad-droga ghaliex dan gieli kien imur Ghawdex. Kienu ser jirrangaw mieghu wara ghall-hlas meta jigi minn barra u generalment din kienet tiswa €60 jew €70 il-gramma. Ftehmu mieghu billi cemplu minn fuq il-*mobile* tal-imputat ghaliex hu ma kellux *mobile* u d-droga kellha tithalla f'hajt, ic-Cirkewwa minn Malti, li kellmuh kemm hu, kif ukoll l-imputat, ghalkemm ma rawhx. Din kienet l-ewwel darba li hu u l-imputat xtraw id-droga flimkien. Dakinhar l-intenzjoni kienet li jaqsmu d-droga bejniethom ghall-festi tal-Milied. Ma kinux ser jaqsmuha dakinhar, izda lanqas kienu ftemhu dwar min kien ser izomm id-droga. Eventwalment kienu ser ihallsu lill-barrani billi t-tnejn ihallsu sehemhom, bil-prezz li kien jaghtihilhom is-soltu. Dwar l-affarijiet li nstabu fil-vettura tal-imputat, jghid illi dawn lanqas biss kien jaf bihom.

Huwa evidenti ghall-Qorti illi la l-imputat u lanqas ix-xhud ma riedu jghidu ta' min kienet l-idea li jakkwistaw id-droga u t-tnejn jibqghu jinsistu illi flimkien iddecidew li jakkwistaw il-kokaina ghall-festi tal-Milied. Jethro Camilleri ma jghidx min ghamel il-kuntatt inizzjali mal-fornitur, fil-waqt illi kif inghad izjed 'il fuq, l-imputat jibqa' jinsisti fuq li jinsisti li l-ewwel kuntatt kien ghamlu Jethro u li kien Jethro li ghamel l-arrangamenti kollha, salv illi huwa kellem darba lill-Malti sabiex ifehmu ezatt fejn kienet mohbija d-droga. Huwa evidenti wkoll illi l-imputat baqa' jipprova sal-ahhar, inaqqas kemm jista' jkun l-involviment tieghu fix-xiri ta' din id-droga, izda mill-banda l-ohra m'hemmx prova fl-atti, fil-grad rikjest mil-ligi, illi turi illi d-droga kienet intiza ghal terzi persuni ghajr ghalih stess u ghal Jethro Camilleri. Jirrizulta illi l-imputat kien jaghmel uzu okkazzjonali mill-kokaina u Jethro Camilleri kien maghruf mal-pulizija dwar uzu tad-droga fost affarijiet ohrajn. In oltre dan sehh proprju ftit tal-jiem qabel il-Milied, meta allura jsiru diversi ikliet u *parties*. Veru wkoll illi skont l-Ispettur Tabone, Jethro Camilleri inizzjalment kien stqarr illi d-droga kienet intiza ghall-imputat u li kien mar jibgborha mieghu ghaliex l-imputat kien weghdu xi haga minnha, izda din l-istqarrija tista' tintuza biss ghal fini ta' kontroll tax-xhud u fiha nnifisha, ma

taghmilx prova fil-konfront tal-imputat. Din l-istqarrija mbaghad ma gietx ikkonfermatha minn Jethro Camilleri f'dawn il-proceduri ghaliex huwa jghid illi t-tnejn flimkien ftehmu li jixtru d-droga u nizlu Malta ghal dan il-ghan, gabruha mic-Cirkewwa u gew imwaqqfin fi triqthom lura lejn Ghawdex. Din kienet ukoll il-verzjoni ahharija tal-imputat. F'dan ir-rigward, il-Qorti tqis ukoll illi jirrizulta mill-atti illi Jethro Camilleri la kellu *mobile* u lanqas vettura li seta' juza u ghalhekk il-fatt illi sar uzu mill-*mobile* u mill-vettura tal-imputat ma jxejjnux il-fatt illi x'aktarx id-droga li nstabet fil-pussess tal-imputat kienet verament intiza ghat-tnejn. Jidher ukoll mix-xhieda tal-Prosekuzzjoni illi d-droga kienet imgezwra lkoll f'daqqa, ghalkemm mir-relazzjoni tal-espert Sammut jirrizulta illi b'kollox kien hemm tnax-il qartas bil-kokaina, u ghalhekk il-fatt illi d-droga nstabet fil-pussess tal-imputat, lanqas ma jxejjen il-verzjoni taghhom illi din kienet intiza ghat-tnejn li huma. Jibqa' mbaghad il-fatt illi t-tnejn li huma, flimkien, nizlu Malta sabiex igibu d-droga u ghalhekk hija plawsibbli l-verzjoni taghhom illi d-droga kienet intiza ghalihom it-tnejn. Jirrizulta wkoll mix-xhieda tal-Ispettur Johann J. Fenech illi Jethro Camilleri gie akkuzat, f'kawza separata, bil-pussess (semplici) tal-istess droga li nstabet fil-pussess tal-imputat odjern.

Permezz tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet, l-imputat jinsab akkuzat bit-traffikar tad-droga kokaina u bil-pussess aggravat tal-istess droga. Fir-rigward ta' dawn iz-zewg imputazzjonijiet, il-Prosekuzzjoni ddikjarat illi jirrizultaw cirkostanzi ta' traffikar *by sharing*. Biss mill-provi prodotti ma jirrizultax illi l-imputat kien ghadda d-droga lil Jethro Camilleri ghaliex gie arrestat mill-pulizija u fi kwalunkwe kaz, il-Qorti ma jidhrilhiex li dan kien kaz ta' *sharing*. Dan ghaliex ma kienx il-kaz illi d-droga misjuba fil-pussess tal-istess imputat kienet giet ottjenuta minnu biss, izda mbaghad huwa ddecieda li jaqsam minn din id-droga ma' siehbu, fl-istess post u fl-istess hin. Sa mill-bidunett din id-droga kienet intiza kemm ghall-imputat, kif ukoll ghal Jethro Camilleri, minkejja li kienet fil-pussess materjali tal-imputat. Effettivament Jethro Camilleri kellu l-pussess kostruttiv tal-istess droga.

Il-Qorti hawnhekk tirreferi ghall-kaz fl-ismijiet **<u>Il-Pulizija vs Ryan Galea</u>**, deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-25 ta' Novembru 1999, f'liema kaz inghad hekk:

"*Illi mill-provi prodotti jirrizulta li kemm l-appellant kif ukoll it-tfajla tieghu, darba minnhom, kienu ddecidew li jixtru d-droga Cannabis flimkien. Jirrizulta li l-flus sabiex tinxtara din id-droga hargithom it-tfajla, ossia l-gharusa, ta' l-appellant.*

*"Illi meta huma marru bil-karozza misjuqa mill-appellant u waqfu sabiex jixtru din id-droga, dak li bieghhilhom id-droga mar hdejn is-sewwieq, u veru, fil-fatt, id-droga fizikament ghaddiet l-ewwel f'idejn l-appellant. Hu hallas bil-flus li kienet taghtu l-gharusa tieghu, u meta ha id-droga, hu ghaddielha parti minnha, stante li dik id-droga mixtrija minnhom flimkien kienet intiza ghat-tnejn li huma.*
*"Illi, fil-fehma ta' din il-Qorti, dawn il-fatti ma jwasslux sa l-estremi ta' traffikar tad-droga da parti ta' l-appellant. Mhux kaz ta' 'sharing' tad-droga fis-sens li hu biss gja kellu id-droga, kien xtraha jew ottjeniha hu biss, u ta minnha lill-terzi. Il-fatti rizultanti ma jinkwadrawx ruhhom fl-elementi kompleti rikjesti ghal traffikar ta' droga, izda semplicement ta' pussess illegali taghha*."

Il-Qorti tqis illi l-kaz citat huwa pjuttost simili ghall-kaz odjern. L-imputat u Jethro Camilleri nizlu Malta flimkien sabiex it-tnejn li huma jigbru d-droga kokaina li kienet intiza ghalihom it-tnejn, bid-differenza illi kull wiehed minnhom kien ser ihallas sehmu mid-droga f'xi zmien wara. Fil-fehma tal-Qorti, minkejja li d-droga nstabet fil-pussess materjali tal-imputat, dan ma kienx ghajr ko-akkwist tad-droga mill-imputat u Camilleri jew fi kliem iehor, pussess kongunt tad-droga, liema pussess ma jirrizultax fil-grad rikjest mil-ligi li kien wiehed aggravat, izda ghall-uzu personali taghhom.

Ghaldaqstant, il-Qorti tqis illi l-ewwel zewg imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront tal-imputat ma jirrizultawx sodisfacentement ippruvati. Jirrizulta biss illi fil-jum in kwistjoni u, skont l-istqarrija tal-imputat, xi hmistax-il jum qabel dik id-data, huwa kien fil-pussess tad-droga kokaina. Ghaldaqstant, in kwantu t-tielet imputazzjoni tirreferi ghax-xahar ta' Dicembru 2011 u s-sitt xhur ta' qabel din id-data, qed issibu hati biss ta' din l-imputazzjoni li tinkludi kemm il-lejl in kwistjoni, kif ukoll l-okkazzjoni li ghaliha jirreferi l-imputat fl-ewwel stqarrija tieghu. Altrimenti lanqas ma jirrizultaw provi fil-grad rikjest mil-ligi rigward is-sitt xhur ta' qabel dan ix-xahar.

**Kunsiderazzjonijiet dwar Piena**

Ghal fini ta' piena, il-Qorti hadet in kunsiderazzjoni fl-ewwel lok, il-fedina penali tal-imputat fiz-zmien tal-kaz odjern, liema fedina penali kienet wahda netta. Il-Prosekuzzjoni baqghet ma esebietx fedina penali aggornata tal-istess imputat.

Qeghda wkoll tqis il-piz tad-droga misjuba fil-pussess tal-imputat u kif inghad, illi din kienet intiza wkoll ghal Jethro Camilleri.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat it-Taqsimiet IV u VI, l-Artikoli 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, qed issib lill-imputat mhux hati tal-ewwel u t-tieni imputazzjonijiet kif migjuba fil-konfront tieghu u qeghda tilliberah minnhom, izda qed issibu hati tat-tielet imputazzjoni (in kwantu din tirreferi ghax-xahar ta' Dicembru 2011 u mhux ghas-sitt xhur ta' qabel din id-data), izda bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti wissiet lill-hati bil-konsegwenzi skont il-ligi kemm il-darba huwa jikkommetti reat iehor matul il-perjodu operattiv tal-liberazzjoni kundizzjonata.

Tordna d-distruzzjoni tad-droga u l-oggetti esebiti bhala Dokument FT1, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lill-hati sabiex ihallas nofs[11] l-ispejjez tal-espert ix-Xjenzat Godwin Sammut, ammontanti dawn l-ispejjez ghas-somma ta' mitejn, erbgha u sebghin ewro u sitta u sebghin centezmu (€274.76), nofs liema spejjez ghalhekk jammontaw ghas-somma ta' mija, sebgha u tletin ewro u tmienja u tletin centezmu (€137.38). Tali spejjez ghandhom jithallsu mill-hati fi zmien xahar mil-lum.

Natasha Galea Sciberras
Magistrat

[11] Il-Qorti qeghda tikkundanna lill-hati sabiex ihallas biss nofs l-ispejjez tal-imsemmi espert stante illi dan il-kaz kien jinvolvi zewg persuni.